MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Citazzjoni Numru. 38/2002/1

**Tasika Auto Limited**

**-vs-**

**Antoinette mart Roger Portelli**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi hija kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' elf hames mija u sebgha u disghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1597.43) rapprezentanti in kwantu l-ammont ta' elf erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm1488) bhala import ta' kambjali accettati u ffirmati mill-konvenuta Antoinette Portelli, liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala dokument A sa F u in kwantu l-ammont ta' mija u disa' liri Maltin u tlieta u erbghin

centezmu (Lm109.43) bhala imghax dovuti fuq l-istess kambjali, liema dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut;

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thalsux nonostante illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan il-hlas;

Ilil fil-fehma tas-socjeta’ attrici, il-konvenuta m’ghandha l-ebda eccezzjoni x’taghti ghat-talba taghha ghall-hlas ta’ l-ammont mitlub f’din ic-citazzjoni.

Illi ghaldaqstant is-socjeta’ attrici qed tipprocedi ghal din il-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili u qed titlob ai termini ta’ l-Artikolu 167 illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta’ din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh.

Talbet li din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini ta’ l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tiddikjara lill-konvenuta debitrici fil-konfront tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf hames mija u sebgha u disghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1597.43);

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici din is-somma, bl-interess legali fuq l-istess somma sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta f’Marzu tas-sena elfejn u tnejn u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija ingunta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta’ attrici debitament guramentata u annessa magha l-affidavit u l-lista tax-xhieda u tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Antoinette Portelli fejn eccepiet:

1. illi l-kambjali li kopja taghhom giet esebita mis-socjeta' attrici u li fuqhom qed tibbaza l-azzjoni taghha s-socjeta' attrici m'humiex iffirmati mill-eccipjenti u ghaldaqstant fin-nuqqas ta' rekwizit essenzjali dwar il-forma tal-kambjala kif preskritta mil-ligi jirrendi l-azzjoni attrici mhux dik kambjarja izda azzjoni semplici ghall-hlas ta' kreditu;

2. illi in linea preliminari ukoll din il-Qorti hija nkompetenti *rationae valoris* stante li l-ammont pretiz ma jiskorrix il-hamest elef liri Maltin (Lm5000);

3. illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari, fil-meritu l-eccipjenti m'ghandhiex taghti lis-socjeta' attrici l-ammont pretiz fic-citazzjoni, izda ammont ferm inqas kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza, liema ammont inqas l-eccipjenti kienet disposta li tissaldah kif kienet avzat lis-socjeta' attrici permezz ta' ittra ufficjali tal-1 ta' April 2002, li ghaliha ma kien hemm ebda twegiba hlief li saret il-kawza u l-eccipjenti ghalhekk ma kienx baqalha triq ohra ghajr li tiddepozita l-ammont offrut minnha l-Qorti kif kienet avzat li taghmel fl-imsemmija ittra f'kaz li ssir il-kawza;

4. illi ghalhekk f'kaz li jirrizulta li l-eccipjenti kienet korretta f'dak li gie spjegat minnha fl-ittra ufficjali taghha tal-1 ta' April 2002, il-kawza mis-socjeta' attrici saret intempestivament u l-eccipjenti m'ghandha tigi kkundannata thallas ebda spejjez ta' din il-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet l-kjamata in kawza ta' Roger Portelli mart il-konvenuta;

Rat ir-risposta tal-konvenuta Antoinette Portelli li oggezjonat ghat-talba;

Rat il-verbal taghha tal-21 ta' Frar 2003 u dawk li segwew;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun ovvju li l-ewwel haga li trid issir hu li din il-Qorti tiddisponi mit-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta liema eccezzjoni tolqot direttament fuq jekk il-kawza hijiex prosegwibbli quddiem din il-Qorti fil-veste taghha superjuri. Din it-tieni eccezzjoni fil-fatt attakkat l-kompetenza ta' din il-Qorti qua Qorti ta' kompetenza Superjuri *'rationae valoris'*.

Mic-citazzjoni tas-socjeta' attrici jirrizulta li l-ammont li hi qeghdha tippretendi minghand il-konvenuta hu ta' elf hames mija sebgha u disghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1597.43), li sostniet, jirraprezentaw in kwantu ghal elf erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm1488) import ta' kambjali accettati u ffirmati mill-konvenuta, u in kwantu ghal mija u disa' liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm109.43) imghax li ddekorra fuq tali kambjali.

Fit-trattazzjoni orali dwar din l-eccezzjoni s-socjeta' attrici fissret li kienet qeghdha tinvoka l-Artikolu 32 sub-artikolu 2 tal-Kap 12, fil-waqt li sostniet, li l-'actio kambjarja' hi regolata bil-Kodici tal-Kummerc u giet dejjem ritenuta fil-gurisprudenza li taqa' taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc li illum issuccedita l-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Dan huwa proprju il-punt li ghandu jigi deciz prescindendo mill-fatt li l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' l-ewwel grad hu li tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) (Artikolu 47(1) Kap 12), liema kompetenza tapplika wkoll ghall-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-attribuzzjoni Inferjuri taghha (Artikolu 50(2)(a) tal-Kap 12).

Inghad dan, dak li sostniet is-socjeta' attrici kellhu mill-veru qabel ma gew introdotti l-emmendi lill-Kodici ta'

Organizzazjoni u Procedura Civili, il-Kap 12, bl-Att XXIV tas-sena 1995, li a bazi tal-Artikolu 37 sub-artikolu 2 (revokat bl-Att fuq citat), il-Qorti tal-Kummerc kellha l-kompetenza esklussiva li tisma' u tiddeciedi l-kawzi kollha ta' natura kummercjali jew relatati mal-kummerc, inkluz dawk li kienu jittrattaw kambjali, biljetti negozzjabbli (promissory notes), jew krediti trasferibbli per girata jew pagabbli lill-portatur. Din m'hix il-posizzjoni illum wara l-emendi bl-Att XXIV fuq citat li ssostitwixxa l-Artikolu 32 u liema artikolu jfisser il-kompetenza esklussiva tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili bhala li tisma l-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali eskluzi dawk il-kawzi li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati hlief meta jkunu kawzi li saru minn jew kontra l-Gvern ta' Malta. Rilevanti wkoll hu l-Artikolu 748 tac-citat Kap 12 li jiddisponi li l-valur tal-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba –

(a) meta t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata. Ghalhekk, ghandu ragun il-konvenut f'din l-eccezzjoni tieghu.

Ghaldaqstant qeghdha tilqa' l-eccezzjoni tal-inkompetenza '*rationae valoris*' u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet tas-socjeta' attrici li hu riservat lilha d-dritt ta' azzjoni quddiem dik il-Qorti kompetenti. L-ispejjez ta' din il-kawza huma a karigu tas-socjeta' attrici.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------